MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru. 77/2010

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Shugri Abdullahi Abdi, bint Abdullah Abdi, imwielda s-Somalja fl-1 ta’ Jannar, 1988 Numru tal-Pulizija 08GGG-012

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fil-31 ta’ Jannar, 2010 u fil-ġimgħat ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer –
1. xjentement għamlet użu minn xi dokument iffalsifikat;
2. kienet fil-pussess ta’ passport li hija kienet taf li huwa ffalsifikat u/jew sar tibdil fuqu;

3. mingħajr awtorita’ użat jew kienet fil-pussess ta’ dokument iffalsifikat meħtieġ għal għanijiet ta’ l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bui proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ Frar, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta. Tikkundannaha għal sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------